MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 507/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Johnston Trevor Greig**
**ID78643-A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sitta u disghin ewro u hames centezmi (€596.05c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40230108) skont kuntratt datat 18 ta' Settembru, 2012.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 457/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-13 ta' Marzu, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sitta u disghin ewro u hames centezmi (€596.05c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------